# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta u Sittin (66)**

**13 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Vici Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

66.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ipprezenta l-ittra ta' apologija tal-Vici Sindku Aaron Agius li ma setax jattendi ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet ta' xoghol.

66.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament accettaw din l-apologija.

**66.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-21 ta' Frar 2023**

66.2.1 Il-Kunsill approva bi tliet voti favur u astensjoni wahda l-minuti tal-laqgħa numru 65 li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2023 fl-uffiċċju amministrattiv.

**66.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

66.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li matul il-jiem li għaddew ġew *awarded* iż-żewġ offerti pubbliċi relatati max-xogħol tal-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid għal-lokalita' tagħna u x-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Marġa.

Wara li ntemm il-proċess ta' evalwazzjoni u ma ġewx sottomessi appelli mill-kuntratturi li tefgħu l-offerti tagħhom, ix-xogħol tal-bini ta' Ċentu Ċiviku ġdid ġie *awarded* lill-kuntrattur Richard Cauchi filwaqt li x-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Marġa ġie *awarded* lill-kuntrattur Peter Paul Said.

F'laqgħat *on-site* li saru dwar dawn iż-żewġ proġetti maġġuri nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu 2023, ġie deciz li x-xoghol fuq il-bini tac-Centru Civiku jibda lejn nofs ix-xahar ta' April. Is-Sindku qal li l-Perit Edward Scerri accetta li jaghmel *change of architect* peress li l-Perit il-gdid tal-progett ser ikun is-Sur Leonard Spiteri.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li ghandna nikkuntattjaw lill-Principal tal-Kullegg ta' Ghawdex rigward il-possibilita' li ninghataw xi spazju sabiex nirrilokaw parti mill-materjal li hemm fil-librerija pubblika. Dan sabiex tkun tista' ssir rilokazzjoni tal-ufficcju amministrattiv.

Fir-rigward tax-xoghol fi Triq Marga, is-Sindku qal li llum it-Tnejn huwa kellu laqgha mal-kuntrattur Peter Paul Said u mal-Perit Edward Scerri. Is-Sindku qal li x-xoghol fuq l-ewwel parti ta' Triq Marga ser jibda fil-jiem li gejjin filwaqt li x-xoghol fuq it-tieni parti ta' Triq Marga ser jibda fil-bidu ta' Mejju. Dan wara li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma tkun irrilokat il-main tad-drenagg li hemm f'din il-parti tat-triq.

Is-Sindku qal li ghandna ninfurmaw lill-Kumitat Organizattiv tal-Maratona ta' Ghawdex li m'hemmx bzonn isir *re-routing* tal-Maratona peress li x-xoghol fuq it-tieni parti ta' Triq Marga ser isir wara li tghaddi l-Maratona.

66.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu għaddejjin bil-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni tal-attivita' ta' Jum ix-Xagħra li din is-sena ser issir nhar is-Sibt 29 ta' April 2023.

Fir-rigward tal-għoti tal-unur 'Ġieħ ix-Xagħra 2023', is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li sad-data u l-ħin tal-għeluq tal-applikazzjonijiet għal dan l-unur, il-Kunsill irċieva erba' nomini. Il-persuni nominati huma s-Surmast Nazzareno Refalo, is-Sur Louis Portelli, is-Sur Mario Xerri u s-Sur Eucharist Sultana.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li l-unur din is-sena ghandu jinghata lis-Sur Louis Portelli pero' fid-dawl tal-fatt li s-Surmast Nazzareno Refalo ta kontribut kbir lill-Parrocca taghna, ghandu jinghata rigal ta' rikonoxximent lill-familjari tieghu. Dan peress li s-Surmast Refalo ma jistax jinghata l-

unur minhabba li, skont ir-regolamenti, dan l-unur ma jistax jinghata lil persuni mejta.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-unur ghandu jinghata lis-Sur Louis Portelli ghas-sehem kbir li ta lil-lokalita' taghna matul is-snin.

66.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sottomissjonijiet ta' offerti pubbliċi għas-servizz ta' *contracts manager* tal-Kunsill (jiġifieri nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2023 fid-9.30am), kien hemm kumpanija wahda li tefghet l-offerta taghha.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandu jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa din l-offerta, liema bord ikun iffurmat minn Dr. Mario Scerri bhala *chairman,* il-Perita Mariella Xuereb, il-Perit Johann Camilleri u Dr. Larry Formosa bhala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-Bord.

Il-Kunsillier Anthony Attard issuggerixxa li Dr. Kevin Cutajar ghandu jaghti wkoll sehmu f'bordijiet bhal dawn. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni. Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa ghalfejn Dr. Cutajar ma jkunx parti minn dan il-bord pero' s-Sindku qal li Dr. Cutajar ghandu jkun ikkunsidrat f'bordijiet futuri.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nikkumpilaw lista ta' persuni professjonisti mix-Xaghra li jistghu jaghtu sehem f'bordijiet simili.

66.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit ghamel riferenza ghax-xoghol li sar ricentament fil-passagg ta' quddiem il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati.

Is-Sindku innota li bhalma kien diga' sostna fil-laqgha tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2023, huwa ma jrid li jkollu x'jaqsam xejn ma' dan il-passagg galadarba m'hemmx konferma mill-Awtorita' tal-Artijiet jekk dan hux pubbliku jew privat. Ghaldaqstant huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jigi irtirat il-permess mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar fis-sena 2016 favur il-Kunsill Lokali tax-Xaghra.

Il-Kunsillier Anthony Attard iddikjara li ser ikun qed jivvota kontra din il-proposta ghal dawn ir-ragunijiet:

(a) Il-fatt li ghal ghoxrin sena il-Kunsill kien ghamel xoghol hemmhekk u qatt ma kien hemm oggezzjoni ghal dan ix-xoghol;
(b) Hija tal-misthija u kundannabbli l-agir tar-Rettur prezenti li jipprova jizmantella dak li ghamlu l-predecessuri tieghu;
(c) Is-Segretarju Ezekuttiv sgwida lill-Kunsill ghal diversi drabi meta kien hemm permess mahrug f'isem il-Kunsill u dan qatt ma informa bih lill-Kunsill;
(d) Is-Sindku qed jibghat messagg hazin lill-poplu li kulhadd jista' jaghmel li jrid, anke li jmur kontra l-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar;
(e) Is-Sindku qed jibghat messagg hazin hafna meta jiehu ritratt mar-Rettur fuq xoghol illegali li sar kontra l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u li b'dan l-agir qed jghid lin-nies li jistghu jaghmlu xoghol illegali; u
(f) Kull meta l-Kunsillier Anthony Attard staqsa u talab li ssir investigazzjoni dwar min ghamel ix-xoghol kontra l-permess kif mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar, huwa dejjem gie zgwidat dwar din il-materja.

Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard irribatta l-allegazzjoni tal-Kunsillier Anthony Attard u qal li, minn verifiki li ghamel, jirrizulta li l-permess mahrug f'isem il-Kunsill Lokali tax-Xaghra fil-fatt inhareg f'isem is-Sindku ta' dak iz-zmien u mhux f'ismu fil-kapacita' tieghu ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Huwa qal li ghadu sal-lum ma jistax jifhem kif l-Awtorita' tal-Ippjanar harget permess favur il-Kunsill Lokali tax-Xaghra minghajr ma talbet *proof of ownership* lill-istess Kunsill.

Min-naha tieghu, is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li r-ritratt li qed jissemma huwa ritratt li ttiehed mar-Rettur quddiem il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati fl-okkazjoni tal-festa ta' Sant'Anton f'Jannar li ghadda u ma jidhirlu li ghamel xejn hazin b'dan. Il-Kunsillier Anthony Attard baqa' jsostni l-pozizzjoni tieghu kif indikata fl-ispjegazzjoni tal-vot tieghu.

Minhabba li ma kienx hemm qbil dwar il-proposta tas-Sindku sabiex jigi irtirat dan il-permess, ittiehed vot. Bi tliet voti favur u wiehed kontra, il-proposta tas-Sindku giet approvata.

66.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2023 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa virtwali ma' Dr. Evangelista Leuzzi rigward l-organizazzjoni tal-aħħar attivita' relatata mal-proġett FUTHURE li għandha ssir fix-Xagħra f'Settembru li ġej.

Is-Sindku qal li, wara li tkellimna ma' Dr. Leuzzi, kien hemm qbil li din l-attivita' ssir bejn it-Tnejn 18 u l-Erbgħa 20 ta' Settembru 2023, bl-ewwel ġurnata tkun iddedikata għall-wasla tad-delegazzjonijiet u l-aħħar ġurnata tkun iddedikata għat-tluq tad-delegazzjonijiet. Il-Kunsill ikkonferma dawn id-dati u qabel li għandna nibdew naħsbu għall-akkomodazzjoni tal-parteċipanti għal din l-attivita'.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand Dr. Evangelista Leuzzi rigward il-possibilita' li jiġi organizzat avveniment addizjonali bejn il-5 u d-9 ta' Mejju 2023 fl-Italja minħabba li fadal xi fondi minn dan il-proġett li għadhom ma ġewx utilizzati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

66.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-amministrazzjoni tal-BCRS ma aċċettat l-ebda wieħed mis-siti proposti mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra għall-installazzjoni tal-magna li qed tintuża għar-riċiklaġġ tal-fliexken tal-plastik.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-amministrazzjoni tal-BCRS sabiex tipproponi sit hi fil-qalba tax-Xagħra, liema sit jitressaq għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

66.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li għandna naħsbu għal Deputat Segretarju Eżekuttiv f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv preżenti ma jkunx jista' jagixxi.

Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi deċiża fil-laqgħa li jmiss.

66.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Awtorita' Maltija ghar-Rizorsi (ERA) approvat il-permess u l-*method statement* ghax-xoghol ta' *sand sifting* fil-bajja tar-Ramla l-Hamra.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir fl-ewwel gimgha ta' Mejju qabel ma jibda l-istagun tas-Sajf u dan sabiex ma johloqx inkonvenjent ghall-vizitaturi lokali u barranin li jzuru l-bajja fis-Sajf.

**66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

66.4.1 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar ghalfejn ghadhom ma sarux is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem l-isqaq fi Triq Ta' Gajdoru. Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw dwar din il-materja ma' Transport Malta u mad-Dipartiment tat-Toroq fil-Ministeru ghal Ghawdex.

66.4.2 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar ghalfejn ghadha ma saritx il-bozza l-gdida li kellha ssir quddiem in-nicca tal-Papa San Gwanni Pawlu II fi Triq Tas-Srug. Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw mal-kuntrattur Richard Cauchi.

66.4.3 Il-Kunsillier Victor Curmi qal li l-belvedere u n-nicca tas-Sellum jinsabu mitfija u ilhom hekk ghal diversi gimghat. Is-Sindku qal li aktarx kien hemm xi hsarat bis-sajjetta li laqtet ir-rahal taghna fil-bidu ta' Marzu. Kien hemm qbil li ninfurmaw b'din il-hsara lill-Korporazzjoni Enemalta u lill-kuntrattur Richard Cauchi.

**66.5 Qari tal-Korrispondenza**

66.5.1 E-mail mir-Regjun Ghawdex b'informazzjoni dwar ic-cerimonja tat-tnedija tal-ewwel Festival Letterarju ghal Ghawdex li ser isir nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2023 f'nofsinhar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.2 E-mail mill-Ministeru tal-Ambjent b'informazzjoni dwar l-iskema tat-thaddir tal-ambjent li giet imnedija ricentament u taghlaq nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.3 Cirkulari numru 011/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Sustainable Urban Mobility Plans for Malta and Gozo Meeting 17/03/2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.4 Cirkulari numru 012/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'National STEM Community Fund 2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.5 E-mail mill-Ministeru ghal Ghawdex rigward id-*drafting* ta' *bye-law* li tirregola l-bajjiet li ghandhom *status* ta' *blue flag* f'Ghawdex. Fil-kaz tal-lokalita' taghna, din il-*bye-law* tapplika ghall-bajja tar-Ramla l-Hamra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.6 Cirkulari numru 014/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'ECAD Membership 2023'. Il-Kunsill qabel li din il-mizata ghandha tithallas.

66.5.7 E-mail minghand is-Sur Lawrence Attard, ufficjal tal-*Gozo Regional Development Foundation (GRDF)*, li fiha qed jistaqsi lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra jekk hux interessat li jippartecipa fil-progett Med-SNAIL li qed jitmexxa mill-GRDF b'finanzjament mill-Programm ENI CBC Med Programme tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill accetta li jippartecipa f'dan il-progett bil-kundizzjoni li dan ma jinvolvix *commitment* finanzjarju min-naha taghna.

66.5.8 E-mail minghand is-Sur John Cassar li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jorganizza Kuncert muzikali ghal zmien is-sajf nhar l-Erbgha 2 ta' Awwissu 2023 fi Pjazza Il-Vitorja. Il-kwotazzjoni ghal dan il-Kuncert ta' saghtejn tammonta ghas-somma ta' € 1360 (VAT inkluza).

Il-Kunsill accetta din it-talba.

66.5.9 E-mail mir-Regjun Ghawdex b'informazzjoni dwar in-*National STEM Community Fund 2023*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.10 Cirkulari numru 013/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Niktbu b'Malti Tajjeb'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.11 Cirkulari numru 2/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi fir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u Tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru (Legislazzjoni Sussidjarja 65.13) u emendi fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreggata (Legislazzjoni Sussidjarja 65.05). Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.12 E-mail minghand Maria Anna Farrugia, ufficjal fid-Direttorat tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex, b'informazzjoni dwar sessjonijiet ta' Ghana tradizzjonali Malti li ser issir gewwa pjazez differenti madwar Ghawdex mill-25 ta' Frar sal-21 ta' Mejju 2023 bl-isem ta' Ghannej Ghannej. Fil-lokalita' taghna, din l-attivita' ser issir nhar il-Hadd 16 ta' April 2023 bejn l-10.30am u nofsinhar fi Pjazza Il-Vitorja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.13 Cirkulari numru 03/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jehtiegu Permessi mill-Kunsilli Lokali – Sistema ta' applikazzjoni *fast track*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.14 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-revizjoni tar-Registru Elettorali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.15 Cirkulari numru 017/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'S.A.F.E. Prevention training programmes for workplaces 12/04/2023 & 14/04/2023'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.16 E-mail mill-Bord Editorjali tar-Rivista 'Il-Hajja f'Ghawdex' li fiha qed jistaqsu lill-Kunsilli Lokali Ghawdxin jekk humiex interessati li jabbonaw fir-rivista 'Il-Hajja f'Ghawdex' ghal matul din is-sena. Il-Kunsill accetta din it-talba.

66.5.17 E-mail mill-Federazzjoni tal-Bliet Ewropej tal-Karnival (FECC) li fiha qed jistiednu delegazzjoni mill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex tattendi ghall-konferenza internazzjonali tal-FECC li ser issir fis-Serbja bejn is-Sibt 13 u s-Sibt 20 ta' Mejju 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.18 Cirkulari mill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward it-tnedija tal-process ta' konsultazzjoni dwar ir-revisjoni tal-*policy* marbuta mac-cimiterji f'Malta u Ghawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.19 E-mail mill-Ministeru ghal Ghawdex li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li l-monument propost mill-artist Xaghri Mario Agius ser isir fit-telgha tal-Qacca. Dan peress li din hija triq arterjali li taqa' fir-responsabilita' tal-Ministeru ghal Ghawdex u wara li jingabu l-permessi necessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.20 E-mail minghand Mro. Antoine Mercieca, Direttur Artistiku tal-Fondazzjoni Santa Cecilja, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-istima sabiex jittella' l-Kuncert tal-Milied 2023 fil-Bazilika ta' Marija Bambina tammonta ghas-somma ta' € 5670 VAT inkluza. Il-kwotazzjoni ghas-servizz ta' *filming u recording* tal-istess Kuncert tal-Milied tammonta ghas-somma ta' € 2000 VAT inkluza.

Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni. Fuq suggeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Surmast Mercieca sabiex fl-ghazla tal-koristi ghal dan il-Kuncert, jaghti preferenza lil talent Xaghri.

66.5.21 E-mail mill-kumpanija TCTC b'informazzjoni dwar progetti innovattivi u edukattivi fil-Kunsilli Lokali wara l-pandemija tal-Covid-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.22 Cirkulari numru 18/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Partecipazzjoni tal-Kunsilli Regjonali u Lokali fl-*Earth Hour* 2023'. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa f'din l-inizjattiva billi tintefa l-Mithna Ta' Kola ghal din l-okkazjoni.

66.5.23 Cirkulari numru 19/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Communication from Enemalta – Street Lighting Demarcation Boxes'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.24 E-mail minghand Angelo Camilleri, *EU Funds Manager* fil-Ministeru ghal Ghawdex, li fiha qed jistaqsi lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra jekk jixtieqx jissieheb mal-Ministeru ghal Ghawdex bhala *partner* fil-progett ta' rikostruzzjoni ta' Triq Wied tal-Ghejjun.

Il-Kunsill qabel li ghandu jissieheb bhala *partner* f'dan il-progett bil-kundizzjoni li dan ma jinvolvix *commitment* finanzjarju min-naha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandna nfakkru lill-Ministeru sabiex jinkludi l-progett ta' tisbieh fi Triq Ta' Garaffa bhala parti minn dan il-progett.

66.5.25 E-mail minghand is-Sinjura Ingrid Ross, *Managing Director* tal-kumpanija Heritage ResCo, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li l-ispiza sabiex isir xoghol ta' konservazzjoni u restawr fuq in-nicca ta' San Frangisk li tinsab fi Pjazza Sant'Anton tammonta ghas-somma ta' € 4500 VAT eskluza. Din is-somma ma tinkludix il-hlasijiet relatati mal-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, uzu ta' *scaffolding*, analiza xjentifika u interpretazzjoni (f'kaz ta' bzonn) u polza tal-assikurazzjoni.

Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni u qabel li x-xoghol ghandu jsir bil-kundizzjoni li jingiebu l-permessi necessarji mis-sidien ta' din in-nicca. Il-Kunsill qabel li ghandu jinkariga lill-Perit Edward Scerri sabiex japplika ghall-permessi necessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar, mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u entitajiet ohrajn.

66.5.26 E-mail minghand Enzo Cachia, *assistant officer* tal-PA funds, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li l-applikazzjoni taghna sabiex l-Awtorita' tal-Ippjanar tiffinanzja x-xoghol ta' provvista u installazzjoni ta' fanali dekorattivi fl-isqaq li jwassal ghall-Mithna Ta' Kola giet accettata u l-Awtorita' ser tkun qed taghti s-somma ta' € 6983.87c ghal dan il-progett.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Awtorita' tal-Ippjanar ghal din l-ghotja finanzjarja li ser taghmel dan il-progett possibbli.

66.5.27 E-mail minghand is-Sur Quinton Scerri, Direttur ta' NRGY Concepts Limited, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li l-ispejjez relatati ma' logistika tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti jammontaw ghas-somma ta' € 4500 VAT eskluza. Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni.

66.5.28 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li, b'effett mill-1 ta' April 2023, erba' *wi-fi points* li jinsabu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Pjazza Vittorja u Triq l-Imqades ser jigu terminati. Dan bhala parti minn ezercizzju nazzjonali li qed isir mill-kumpanija *Tech.mt* sabiex tittermina numru ta' *wi-fi points* li mhux qed jintuzaw minn numru kbir ta' residenti.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li ghandna noggezzjonaw formalment ghal dan minhabba l-fatt li l-Pjazza taghna hija mimlija negozji u attivita' kummercjali.

66.5.29 E-mail minghand Dawn Burgess, *marketing assistant & events coordinator* ta' Vini e Capricci, li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex issir attivita' fil-Wied tar-Ramla fit-8 u t-12 ta' Awwissu 2023. Dawn l-attivitajiet ser ikunu ibbazati fuq ikel lokali, inbid u muzika folkloristika.

Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti n-*no objection* bil-kundizzjoni li l-applikant igib il-permessi kollha necessarji fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' minghand l-awtoritajiet kompetenti.

66.5.30 E-mail minghand Carmen Bernardette Bigeni li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali sabiex l-Awtorita' tal-Ippjanar tkun tista' tirrilaxxa garanzija bankarja li kienet saret mill-applikanti ghall-permess numru 1507/22 relatat ma' sit f'Pergola Court, Triq Marsalforn, Ix-Xaghra. Il-Kunsill accetta din it-talba.

66.5.31 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward *partnership proposal* minn The Greater Paris Metropolis fi Franza. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.32 Ittra minghand Joseph Bajada, Segretarju tal-Kumitat tal-Banda *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' *tournament* tas-*snooker* bhala parti mic-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Lokalita'. Il-Kunsill qabel li jikkollabora fl-organizazzjoni ta' dan it-*tournament* sportiv bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 600.

66.5.33 E-mail minghand Yosef Magro, *manager* tal-*Gozo Action Group*, b'informazzjoni dwar numru ta' *social media workshops* li ser isiru matul ix-xahar ta' Marzu 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.34 E-mail minghand is-Sinjura Valerie Meylak b'informazzjoni dwar il-Mixja b'rizq Puttinu li ser issir f'Jum id-Duluri, nhar il-Gimgha 31 ta' Marzu 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.35 E-mail minghand Chris Cachia, *events manager* tal-kumpanija *Outdoor Living*, li fiha qed jitlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex juza l-gnien pubbliku faccata tal-Mithna Ta' Kola ghal attivita' li ser issir nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju 2023 mill-10.00am sas-1.00pm.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li tinzamm l-indafa u ma jsirx tisjir *on site*.

66.5.36 Cirkulari numru 21/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Green Capital Award – Help us spread the word'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.37 Cirkulari numru 22/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'LESA_LES Penalty Points Declaration Forms'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.38 E-mail minghand Josmar Azzopardi sabiex il-Kunsill jimplimenta immedjatament ir-rakkomandazzjoni tal-*masterplan* sabiex Triq Ta' Gorf issir *one way*.

Il-Kunsill innota li matul din il-legislatura gew implimentati l-akbar numru ta' *one-ways* fil-lokalita' taghna. Dan bil-ghan li jkun hemm immaniggjar ahjar tat-traffiku fil-qalba tal-lokalita'. Ir-rakkomandazzjoni rigward il-*one-*

*way* ta' Triq Ta' Gorf fil-limiti tan-Nazzarenu ser tigi diskussa fix-xhur li gejjin.

66.5.39 E-mail mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'informazzjoni dwar kors rigward il-formulazzjoni tal-minuti tal-laqghat li ser isir f'Ghawdex nhar il-Hamis 30 ta' Marzu 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

66.5.40 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed tistaqsi jekk il-Kunsill Lokali tax-Xaghra ghadux interessat fid-devoluzzjoni tax-xelter tal-Gwerra ta' Pjazza Il-Vitorja sabiex tkun tista' tmexxi bl-applikazzjoni taghna.

Il-Kunsill qabel li ghandu jirregistra l-interess tieghu mill-gdid f'din l-applikazzjoni.

66.5.41 E-mail minghand Charles Zahra, *chairman* tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki (FMVA), li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' wirja ta' vetturi klassici li ser issir fil-Pjazza quddiem il-Mithna Ta' Kola nhar is-Sibt 25 u l-Hadd 26 ta' Marzu 2023.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din l-attivita' bil-kundizzjoni li l-organizzaturi jahsbu ghal ufficjali ta' Transport Malta li jiddevjaw it-traffiku waqt il-hin tal-attivita'.

66.5.42 E-mail minghand Dr. Evangelista Leuzzi li fiha qed jitlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra bhala l-*lead partner* tal-progett FUTHURE sabiex isir *event* addizjonali ta' skambju ta' zghazagh bejn il-5 u d-9 ta' Mejju 2023. Dan peress li fadal xi fondi li ma ntefqux minn dan il-progett u li jistghu jintuzaw ghal dan il-ghan.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li ssir din l-attivita' galadarba fadal fondi li ma gewx utilizzati.

66.5.43 E-mail minghand is-Sur Alexander Fenech bi kwotazzjoni ghax-xoghol ta' *sand sifting* li ser isir fil-bajja tar-Ramla l-Hamra lejn l-ahhar ta' April / il-bidu ta' Mejju 2023. Il-kwotazzjoni tammonta ghas-somma ta' € 5800 VAT inkluza. Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni.

66.5.44 E-mail minghand Steven Sultana ghan-nom tax-*Xaghra Scouts Group* li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jissapportja l-applikazzjoni li l-istess Grupp qed iressaq quddiem l-Awtorita' tal-Artijiet sabiex il-propjeta' li kienet tintuza mis-Sur Carmelo Xerri (illum mejjet) tghaddi f'idejn il-Grupp bhala estensjoni tal-*headquarters* ezistenti fil-bidu ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din it-talba u ser jibghat ittra ta' *endorsement* lill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' tal-Artijiet u lill-Ministru responsabbli minn din l-Awtorita'.

66.5.45 Talba minghand il-Kumitat tal-Armar sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xaghra jikkollabora maghhom fl-implimentazzjoni ta' sittax-il toqba gdida ghall-antarjoli tal-festa fit-Toroq Arcipriet Guzepp Diacono, San Guzepp, Knisja u Qacca.

Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ghal dan ix-xoghol, liema stima titressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss. Fuq suggeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna nivverifikaw li x-xoghol kollu jsir skont il-permessi necessarji mid-Dipartiment tat-*Trenching* u awtoritajiet ohra kompetenti.

66.5.46 E-mail minghand is-Sur Victor Borg ghan-nom ta' diversi ghaqdiet ambjentali sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xaghra jadotta pozizzjoni sabiex jipprotegi s-*setting* tal-Mithna Ta' Kola u t-Tempji tal-Ggantija.

Peress li din hija materja ta' natura teknika, il-Kunsill qabel li ghandna nistiednu lis-Sur Victor Borg sabiex hu, flimkien mal-Perit ta' dawn l-Gaqdiet ambjentali, jattendu ghal-laqgha li jmiss tal-Kunsill sabiex jispjegaw x'tinvolvi ezattament din il-proposta qabel ma tittiehed decizjoni dwarha.

66.5.47 E-mail minghand David Helm, rapprezentant ta' *Xerri's Garden Centre*, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-kuntratt attwali ghall-manutenzjoni tal-*planters* fi Pjazza Il-Vitorja jiskadi fil-31 ta' Marzu 2023. In vizta li x-xoghol fuq is-sistema tal-irrigazzjoni ta' dawn il-*planters* ghadu mhux

konkluz, il-Kunsill qabel li ghandu jestendi dan il-kuntratt sa mhux aktar tard mit-30 ta' Gunju 2023.

**66.6 Ilmenti mir-residenti**

66.6.1 Talba mingħand Raymond Sultana ta' Triq Ta' Bertrija li fiha qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex Triq Ta' Bertrija ssir *no entry to heavy vehicles*. Dan minhabba li s-Sur Sultana qed jghid li trakkijiet kbar li jinzlu minn din it-triq b'mod regolari qeghdin jhezzu l-bini antik tieghu.

Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lis-Sur Sultana sabiex jipprovdi Perit li jiccertifika li l-bini tieghu huwa strutturalment b'sahhtu u din il-materja tigi diskussa ma' Transport Malta.

66.6.2 Talba minghand Salvinu Attard ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru sabiex issir rampa tad-*disabled* magenb il-hanut tieghu f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandna ngibu direzzjoni bil-miktub minghand il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabilita' (KNPD) qabel ma nipprocedu.

66.6.3 Talba minghand Mary Galea ta' 'Schofields', Triq Knisja, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza taghha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

66.6.4 Talba minghand Francis Attard ta' 44, Triq Tal-Qacca, sabiex titranga qaghda tal-ilma li tinsab quddiem ir-residenza tieghu. It-triq hemmhekk nizlet u kull meta taghmel ix-xita, qed izomm hafna ilma. Il-Kunsill qabel li ghandna ngibu stima minghand il-Perit Edward Scerri.

66.6.5 Talba minghand Victoria Vella ta' Triq Ta' Gorf sabiex issir *communal reserved parking bay* ghad-*disabled* fil-pjazza quddiem il-Knisja ta' Gesu' Nazzarenu. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex din il-*communal reserved parking bay* ghad-*disabled* issir quddiem id-Dar tal-Anzjani f'tarf Triq Mannar.

66.6.6 Talba minghand George Rapa ta' 'Gesu' Redentur', Triq Parisot, sabiex titranga qaghda tal-ilma li tinsab quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandna ngibu stima minghand il-Perit Edward Scerri.

66.6.7 Talba minghand Maria Grima ta' 31, 'N.S. De Fatima', Triq Frangisk Camilleri, sabiex titwahhal bozza gdida magenb ir-residenza taghha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

66.6.8 Talba minghand Anne E. Zahra ta' Jasmine Court, Mais 2, Triq Tas-Srug, sabiex issir *communal reserved parking bay* ghad-*disabled* quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

66.6.9 Talba minghand Victor Grech ta' Triq Gajdoru sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

66.6.10 Talba minghand Vince Magrin ta' Triq Guzeppi Grech sabiex (a) jitnehhew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li hemm fit-tarf tat-triq minhabba li skont hu, dawn saru ghalxejn u (b) tigi rizolta l-kwistjoni tal-hrug taz-zibel mir-residenti f'kull hin tal-gurnata, tant li t-triq giet *dumpyard.* Il-Kunsill innota din it-talba. Fir-rigward ta' (b), ser nirreferu din il-kwistjoni lill-*green wardens.*

66.6.11 Talba minghand Antoine Galea ta' Triq it-28 ta' April 1688 sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

66.6.12 Talba minghand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex il-Kunsill jibghat ittra lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ghan-nom tar-residenti ta' Triq Ta' Gorf sabiex darba fix-xahar, il-Korporazzjoni tipprovdi s-servizz tat-tbattil tad-drenagg f'din it-triq. Dan peress li l-imsemmija triq ghad m'ghandhiex sistema adekwata ta' drenagg. Il-Kunsill accetta din it-talba.

66.6.13 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex issir tinda għal fuq it-trakk il-ġdid li nxtara mill-Kunsill f'Diċembru 2022 u li qed jintuża mill-ħaddiema assenjati magħna għal xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

66.6.14 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex isiru żewġ *stencils* mal-art fi Pjazza Il-Vitorja fejn hemm indikati z-żewġ *communal reserved parking bays* għad-*disabled.* Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

**66.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

66.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

66.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata bi tliet voti favur u astensjoni waħda.

66.7.3 Il-Kunsillier Anthony Attard astjena fuq dan il-vot minħabba li qed jitlob *breakdown* dettaljat fuq pagamenti li jirrigwardjaw manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin fil-lokalita' tagħna.

**66.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

66.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' April 2023 fil-5.00pm b'mod virtwali b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**